**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 12 ta' Dicembru, 2001**

**Numru** **17**
**Citaz. Nru.** **433/94 FD**

**Carmen Tabone xebba Reale**
**vs**
**Anthony Tabone**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-kontendenti zzewgu fl-4 ta' April, 1992 kif jidher mill-fotokopja tac-certifikat taz-zwieg anness mac-citazzjoni u mmarkat Dokument "A";

Premess illi z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null stante li l-konvenut kien affett minn disturb

psikiku u anomalu li huwa naqas li jizvela lill-attrici martu apparti konsiderazzjonijiet ohra bhal ma huma n-nuqqas fil-konvenut koncernanti drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi iz-zwieg li sar bejn il-kontendenti fl-4 ta' April, 1992 huwa null u bla effett a tenur ta' l-Artikolu 19 (1)(c), (d), (f) u (h) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-Zwieg ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghar-ragunijiet l-ohra li gew ttrattati waqt il-kawza;

2. Taghti dawk il-provvediment l-ohra kollha opportuni;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-esponent kien jichad l-allegazzjonijiet attrici in kwantu li jimputaw in-nullita taz-zwieg taghhom ghalih. Hu kien jaqbel li hemm lok ghad-dikjarazzjoni tan-

nullita taz-zwieg tal-kontendenti izda ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attrici;

2. Illi iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null stante li l-kunsens ta' l-attrici kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha u minhabba inkapacita da parti ta' l-istess attrici li tassumi l-onreri taz-zwieg skond il-Ligi;

3. Illi ghalhek iz-zwieg taghhom kien null a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (c), (d) u (f) ta' l-Att taz-Zwieg, tas-sena 1975;

4. Illi ghal dawn ir-ragunijiet il-konvenut ma kellux jikkomina fil-provvedimenti ta' l-Artikolu 20 ta' l-imsemmi Att fejn applikabbli lill-kontendenti u mhux lil binthom;

5. Ghaldaqstant il-konvenut ma kellux ibaghti l-ispejjez ta' din il-kawza;

U ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-Digriet taghha tal-15 ta' Frar 1995 li permezz tieghu gew nominati l-avukat Dr. Yana Micallef Stafrace bhala espert legali u t-Tabib Psikjatra Dr. George Debono bhala espert psikjatriku biex ifittxu u jirreletaw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehdu

konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmija espert legali - wara li kien gie esebit certifikat taz-zwieg tal-kontendenti kif emendat u li jikkonferma t-tibdil fl-i*status* matrimonjali u dan in segwitu ghas-sentenza u digrieti opportuni - li tinsab a fol. 211 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tas-16 ta' Mejju 2001;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici kienet intavolat din ic-citazzjoni fejn talbet li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi dikjarat null, waqt li minn naha tieghu, ghar-ragunijiet differenti, anki l-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu qabel li kien hemm lok ghal tali dikjarazzjoni;

Illi ftit wara li giet intavolata din il-kawza l-attrici pprezentat citazzjoni ohra quddiem din l-istess Qorti fejn talbet id-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti flimkien mat-talbiet ancillari, u peress li dawn iz-zewg kawzi kienu qed jinstemghu quddiem l-istess Qorti kif preseduta, qablu li l-provi

kollha li jingabru f'wahda ikunu wkoll applikabbli ghall-ohra;

Illi kemm fil-kawza l-ohra imsemmija bin-numru 738/94 kif ukoll dik odjerna qeghdin jigu decizi fl-Udjenza tallum u ghal kull buon fini issir referenza ghall-process u ghas-sentenza l-ohra;

Illi jidher illi aktar tard giet ipprezentata talba quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku biex dan iz-zwieg li gie celebrat bir-rit tal-Knisja Kattolika bejn il-kontendenti jigi dikjarat null;

Illi f'dawn il-proceduri tressqu bosta provi mill-kontendenti u gew ipprezentati hafna affidavit esawrenti u kienu anki nzammu diversi seduti, uhud minnhom anki fil-presenza ta' l-espert psikjatriku, izda fl-ahhar ta' dawn l-atti saret referenza ghas-sentenza moghtija mit-Tribunal Ekklesjastiku kompetenti u gie wkoll ipprezentat certifikat taz-zwieg tal-kontendenti bl-annotazzjoni li wara d-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Dicembru 1999, dan iz-zwieg bejn il-kontendenti kien gie dikjarat null;

Illi ghalhekk din il-Qorti fid-dawl tad-disposizzjonijiet vigenti tal-Kodici Civili sejra tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-talba kif formolata fic-citazzjoni;

Illi ghal fini li tidditermina l-kap ta' l-ispejjez il-Qorti kellha tezamina l-atti quddiemha u irrilevat li z-zewg nahat taw stampa differenti tac-cirkostanzi tal-kaz; hafna mid-divergenzi kienu dovuti ghal interpretazzjoni differenti

moghtija miz-zewg kontendenti ghall-istess fatti; tali perspettivi differenti jidhru b'mod car prattikament fix-xhieda kollha moghtija. Il-Qorti tat hafna importanza lix-xhieda moghtija minn Anthony Bartolo li oltre li dehret hafna veritiera, elenkat u spjegat b'mod pjuttost car l-avvenimenti salienti fir-relazzjonijiet bejn il-partijiet almenu inkwantu dawn setghu jigu kkonstatati minn estranei;

Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma soda li z-zewg partijiet kellhom nuqqasijiet sufficjenti biex tigi gustifikata l-ispartizzjoni ta' l-ispejjez indaqs bejn il-kontendenti.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-talba kif formulata fic-citazzjoni u dan fid-dawl tad-Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Dicembru 1999;

Tordna li l-ispejjez kollha jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur